12 ta' Lulju, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Joseph Grech Marguerat *versus* Avukat Dr. John Pullicino et. ne.

**Żwieġ — Nullità — Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Kompetenza — Qrati Ekkleżjastiċi — Kunjom — Art. 2 tal-Liġi dwar il-Ġurisdizzjoni u Kostituzzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi f'Malta.**

*F'kawżi dwar nullità ta' żwieġ il-kompetenza tal-Qorti hija determinata mid-domiċilju tar-raġel.*

*Skond il-Liġi dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Kostituzzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi f'Malta, il-Qrati u l-Imħallfin tal-Qrati Ekkleżjastiċi f'Malta għandhom ġurisdizzjoni f'kawżi merament spiritwali u rigward membri tal-Knisja Kattolika biss; u billi skond dik il-Liġi ma jidherx li persuna griega xismatika tista' tiġi kunsidrata bħala membru tal-Knisja Kattolika, dik il-persuna ma hix suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi kontemplati f'dik il-Liġi.*

*Il-Qrati Ċivili ta' Malta dejjem assumew il-ġurisdizzjoni u kompetenza f'kawżi fejn ġiet mitluba n-nullità ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' forma reliġjuża fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.*

*Żwieġ ta' kattoliku domiċiljat f'Malta, biex igħodd, irid ikun ċelebrat bil-forma preskritta mid-Dritt Kanoniku, kien fejn kien il-pajjiż li fih saret iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.*

*Meta l-mara konvenuta hija assenti, u n-nullità taż-żwieġ tkun ġiet konstatata fl-istess kawża, il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tordna kontra dik il-konvenuta l-projbizzjoni li ġġib il-kunjom tar-raġel attur.*

L-attur fit-taħrika qal li hu mwieled u domiċiljat hawn Malta, fejn ġie mgħammed (dok. A); li waqt li kien jinsab detenut u deportat fl-Uganda, fit-Teso District f'Soroti, fejn, minħabba li kien detenut u deportat, ma setax kellu domiċilju legali, ikkuntratta żwieġ ċivili mal-konvenuta fl-10 ta' Diċembru 1942 quddiem ir-Registrar of Marriages, mingħajr ma ġew osservati l-formalitajiet taż-żwieġ kattoliku skond il-Kodiċi Kanoniku, li jirregola ż-żwieġ meta mqar wieħed mill-kontraenti hu malti (dok. B u C); u li l-kontraenti, kif, jekk hemm bżonn u subordinatament għall-premess, jiġi pruvat matul il-kawża, ikkontraħew dan iż-żwieġ bħala esperiment ta' unjoni fil-kamp

ta' l-internament, u mhux bl-idea li dik kellha tkun unjoni perpetwa għal ħajjithom; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, (1) iż-żwieġ kontrattat skond id-dokument "C", fil-Protettorat ta' l-Uganda, fid-distrett ta' Teso, belt ta' Soroti, fl-10 ta' Diċembru 1942, quddiem ir-Reġistrar taż-Żwieġijiet, bejn il-kontendenti, jiġi dikjarat null u bla effett legali, u (2) konsegwentement illi l-konvenuta, f'każ li għadha tagħmlu, tiġi mpedita li tuża l-kunjom tiegħu bħala l-kunjom tagħha;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li waqt li l-attur kien jinsab deportat fl-Uganda huwa ċċelebra żwieġ bil-forma merament ċivili ma' waħda Filippova Zvetanka, li allura kienet bħalu deportata fl-istess kamp ta' internament. F'dak il-pajjiż iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ reliġjuż kienet fattibili ferm, għax kien hemm il-kappillan kattoliku a dispożizzjoni ta' l-internati kattoliċi; u effettivament dik il-ħabta stess kien hemm fost id-deportati maltin min iċċelebra żwieġ reliġjuż. L-attur huwa suddittu britanniku imwieled u domiċiljat f'Malta, u jipprofessa r-reliġjon kattolika; fil-waqt li Fillipova Zvetanka hija ta' nazzjonalità bulgara, domiċiljata u residenti barra minn Malta, u tipprofessa r-reliġjon tal-Knisja Griega Xismatika. Milli jidher koabitazzjoni vera u proprja ma kien hemm qatt; u Zvetanka hija assenti;

L-attur jippretendi li dak iż-żwieġ ma jgħoddx, sew għax sar bil-forma ċivili biss, kemm ukoll għax qatt ma kien hemm l-intenzjoni li jsir veru żwieġ;

Kontra l-azzjoni ta' l-attur il-konvenuti nomine qajmu l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati;

Fuq l-eċċezzjoni, il-Qorti tosserva li, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza in re "Warrington vs. Carter ne.", konfermata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Novembru 1925, id-domiċilju tar-raġel jiddetermina l-kompetenza tat-tribunal li għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża fuq id-kjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ; u l-Qorti tħaddan ir-raġunijiet miġjuba f'dik is-sentenza, u tagħmel riferenza għalihom għall-finijiet ta' dis-sentenza f'dil-kawża;

Kwantu għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni minħabba l-kompetenza tat-tribunal ekkleżjastiku, il-Qorti tosser-

va li skond l-art. 2 tal-Liġi dwar il-Ġurisdizzjoni u Kostituzzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi ta' Malta, il-Qrati u l-Imħallfin tal-Qrati Ekkleżjastiċi ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni f'kawżi merament spiritwali u rigward membri tal-Knisja Kattolika biss. Għalkemm kanonikament il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati hija aktar estiża, għax tolqot l-imgħammdin kollha, skond il-liġi li ssemmiet ma jidherx li Filippova Zvetanka, bħala griega xismatika, tista' tkun ikkunsidrata membru tal-Knisja Kattolika, u għalhekk soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi kontemplati f'dik il-liġi;

Barra minn dan, il-Qrati Ċivili ta' Malta kellhom bosta okkażjonijiet li jieħdu konjizzjoni ta' kawżi fejn ġiet mitluba d-dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ minħabba n-nuqqas ta' forma reliġjuża fiċ-ċelebrazzjoni tiegħu, u barra minn każ iżolat deċiż b'sentenza ta' dil-Qorti tal-24 ta' Frar 1921 in re "Warrington vs. Cremona ne." (Kollez. XXIV—II—496) il-Qrati dejjem assumew il-ġurisdizzjoni u kompetenza, kif jidher mis-sentenza ta' dil-Qorti tat-30 ta' Lulju 1901 in re "La Primaudaye vs. Cutajar", mis-sentenza ta' dil-Qorti tat-23 ta' Mejju 1919 in re "Keeper vs. Albanese ne." (Kollez. XXIV-II-39), mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Novembru 1925 in re "Warrington vs. Carter" (Kollez. XXV—II—442), mis-sentenza ta' dil-Qorti tal-24 ta' Frar 1927 in re "Dr. Freudo Azzopardi ne. vs. Dyle" (Kollez. XXVI, p. 387), mis-sentenza ta' dil-Qorti tad-9 ta' Frar 1940 in re "Vella utrinque", u mis-sentenza ta' dil-Qorti tas-7 ta' Awissu 1944 in re "Baruni Chapelle vs. Dr. Gauci Maistre ne.". U tabilħaqq, il-Qorti tikkonstata l-fatt ta' l-assenza taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ reliġjuż, u għalhekk l-assenza ta' żwieġ li jgħodd għall-kattoliċi. Dik il-prattika turi s-sens aċċettat minn dawn il-Qrati fuq il-kompetenza rigward kawżi tal-ġeneru tal-preżenti; u l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha raġun titbiegħed minn dik il-prattika;

Kif ġie ritenut minn dil-Qorti fis-sentenza tas-7 ta' Awissu 1944 in re "Baruni Chapelle vs. Dr. Gauci Maistre ne.", iż-żwieġ ta' Kattoliku domiċiljat f'Malta, biex jgħodd, irid ikun iċċelebrat bil-forma reliġjuża "in faciem Ecclesiae et coram duobus testibus", kif huwa preskritt mid-Dritt Kanoniku, kien fejn kien il-pajjiżi li fih iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ issir; għax

għall-kattoliċi domiċiljati f'Malta l-liġi li tirregola l-vinkolu u ċ-ċelebrazzjoni *taż-żwieġ hija l-Liġi* Kanonika;

Kif qalet dina l-Qorti f'din is-sentenza u l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1925 in re "Warrington vs. Carter ne.", ir-regola "locus regit actum", intant tista' tiswa għall-kattoliċi maltin, in kwantu bil-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ adoperata mill-għarajjes fil-lok taċ-ċelebrazzjoni jista' jinħoloq kuntratt ta' żwieġ li fl-istess ħin ikun sagrament, għax għall-kattoliċi ma jistax ikun hemm kuntratt ta' żwieġ mingħajr ma jkun hemm sagrament fl-istess ħin. Għall-finijiet ta' *dis-sentenza* l-*Qorti tħaddan* ir-raġunijiet miġjuba fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Awissu 1944 ġà msemmija, re "Chapelle vs. Dr. Gauci Maistre ne."; u għalhekk tagħmel riferenza għalihom;

In vista ta' dak li ġie rilevat, tinżel ċara l-konsegwenza li ż-żwieġ ta' l-attur ma' Filippa Zvetanka ma jgħoddx; u l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fil-kawżali l-oħra relativa għan-nuqqas ta' intenzjoni fil-kontraenti—kwistjoni li aktarx toħroġ barra mill-kompetenza ta' dil-Qorti;

*Fuq* it-tieni *talba l-Qorti tosserva* li la darba l-konvenuta hija assenti, u fl-assenza ta' żwieġ validu konstatata fl-okkażjoni ta' l-ewwel talba ta' l-attur, dil-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tordna l-projbizzjoni, li lanqas ma tista' tiġi eżegwita. U tabilħaqq, is-sempliċi annotazzjoni fil-kopja ta' l-att taż-żwieġ reġistrata fir-Reġistru Publiku mhix eżekuzzjoni tas-sentenza. Dak l-att huwa att publiku, u mhux dipendenti mill-volontà tal-konvenuta;

Għal dawn ir-raġunipiet, u fis-sens li ntqal f'dis-sentenza, il-Qorti *taqta'* l-kawża *billi tiċħad* l-eċċezzjoni ta' difett u ġurisdizzjoni minħabba d-domiċilju relativa għall-ewwel talba, u tilqa' l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni relativa għat-tieni talba; u tilqa' l-ewwel talba in kwantu hija bażata fuq l-assenza ta' forma reliġjuża taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u tiddikjara li ma hemmx għalfejn tidħol fil-meritu tal-kawżali l-oħra dedotta mill-attur u fil-meritu ta' l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni in meritu għal dik il-kawżali; u tiċħad it-tieni talba;

*L-ispejjeż relativi* għall-*eċċezzjoni* ta' difett ta' ġurisdizzjoni jibqgħu mingħajr taxxa; u l-ispejjeż l-oħrajn kollha, in

vista tan-natura tal-kawża, komprizi d-drittijiet tar-reġistru. jitħallsu mill-attur.